**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**Alfred Vella**

Illum, 2 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Vella, ta' 72 sena, iben Joseph Vella u Mary Vella nee' Farrugia, imwieled Hamrun, fl-14 ta' Gunju 1942 u residenti 258, Flat 4, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, detentur ta' karta tal-identita' 348742(M) akkuzat talli :-

Bejn nhar il-21 ta' Settembru 2013 u 22 ta' Settembru 2013 gewwa Triq iz-Zonqor, Santa Venera, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli ta' Jesmond Montanaro detentur tal-karta tal-identita 69267M u cioe' vettura ta' l-ghamla Opel bin-numru tar-registrazzjoni MON149, liema hsara tammonta ghal 331.59 li dan l-ammont huwa aktar minn Euros 116.47 izda anqas minn Euros 1164.67, a tenur tal-Art 325 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat qiegħed jiġi akkużat li wettaq ħsara volontarja fuq il-karozza ta' Jesmond Montanaro bejn il-21 ta' Settembru 2013 u t-22 ta' Settembru 2013.

Illi l-parte civile mar jirrapporta l-Għassa tal-Ħamrun fit-30 ta' Settembru 2013 att ta' vandalizmu fuq il-karozza tiegħu. Jesmond Montanaro xehed[1] li huwa nduna li kellu żewġ girfiet (li qabel ma kellhiex) fuq in-naħa tal-passiġġier ta' wara fuq il-karozza tiegħu fl-24 ta' Settembru 2013. L-aħħar li kien uża l-karozza tiegħu fil-21 ta' Settembru 2013 u kien ħallieha pparkjata. Ix-xhud u martu kkuntattjaw lil Wayne Valentine li jaħdem mal-MITA billi kienu jafu li hemm *cameras* tas-sorveljanza dawra tond. Ix-xhud indika fejn kienet il-karozza u Wayne Valentine ċempillu biex jinfurmah li kellu evidenza li turi li persuna avviċinat il-karozza tiegħu fil-ħdax ta' filgħaxija. Huwa qallu li ma setax igħaddilu l-filmat iżda kien jeħtieġ li jsir rapport lill-pulizija. B'hekk sar ir-rapport u kif il-parte civile ra l-filmat għaraf lill-imputat. Skont il-quotation eżebita l-ispiża involuta hija ta' €331.59. Jesmond Montanaro jixhed li huwa qatt ma kellem lill-imputat u qatt ma kellhom xi diżgwid bejniethom. Huwa jixhed li fil-filmat jidher bniedem miexi f'nofs il-bankina u kif jasal qrib il-karozza tiegħu jersaq viċin nil-karozza u jerġa' jmur għan-nofs il-bankina. Waqt li dan l-individwu kien miexi mal-karozza ra xi ħaġa tleqq f'idejn din il-persuna.

Joanne Montanaro[2] issostni li meta rat il-filmat rat biċ-ċar *"lis-sur Vella jimxi f'nofs il-bankina javviċina l-karozza u fuq il-bieb ta' wara tan-naħa tal-passiġġier u l-mudguard jersaq viċin ħafna tagħha u l-oġġett li kellu f'idejh ileqq"*. Hija madankollu ma ratx x'kien l-oġġett f'idejh u tixhed li ma ratx lill-imputat jobrox il-karozza iżda ssostni li huwa *"kien miexi viċin ħafna li jobrox"*.

Wayne Valentine, uffiċjal inkarigat minn faċilitajiet inkluż sigurta' mal-MITA ikkonferma li ġie avviċinat mill-parte civile u mill-footage tal-arja konċernata sabu evidenza li kien hemm xi attivitajiet. B'hekk sari r-rapport lill-pulizija. Is-sinjuri Montanaro tawh il-lokalita' u t-

[11] Seduta tal-14 ta' Lulju, 2014
[2] Seduta tat-2 ta' Frar 2015

time-frame. Anki l-pulizija ghamlu l-istess u ghaddew lill-pulizija l-footage fuq CD. Huwa spjega li biex wiehed jara l-footage ezebit jehtieglu programm apposta.

l-imputat min-naha tieghu jichad kategorikament li huwa wettaq din il-hsara volontarja.

Din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat huwa hati tar-reat addebitat fil-konfront tieghu. Mix-xhieda tal-parte civile dan ma jirrizultax ghaliex li l-parte civile jixhdu li raw ragel, li huma gharfu bhala l-imputat, jimxi vicin hafna l-karozza u li raw xi haga tleqq f'idejh wahedha mhiex prova bizzejjed biex tinstab htija. Dan billi l-filmat ezebit li tant saret referenza ghalih u li minnu ttiehdu z-zewg stills li gew ezebiti, nonostante li gie prezentat il-programm, u nonostante li din il-Qorti tat l-opportunita' lill-prosekuzzjoni biex tharrek lil xi ufficjali mis-sezzjoni forensika biex ikun jista' jinfetah il-filmat u kemm il-Qorti u l-partijiet jarawh dan baqa' ma tharrikx. Ghalhekk il-filmat ezebit ma nfetahx u kwindi zgur li ma jistax jintuza' bhala prova. L-istills ezebiti ghalkemm fihom jidher l-imputat imkien ma jirrizulta li l-istess imputat qieghed jobrox il-karozza u fi kwalunkwe kaz l-ahjar prova kien il-filmat. Inoltre' l-imputat innifsu spjega li huwa joqghod fil-vicinanzi u kwindi huwa kien qieghed miexi fit-triq solita tieghu. Kemm il-parte civile kif ukoll l-imputat jaqblu li huma qatt ma kellhom argumenti bejniethom u kwindi l-provi kollha in atti jippuntaw biss lejn liberatorja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tillibera minnha.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat